V

**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 113/00JR**

**Mallia Industries Ltd.**

**vs**

**Mark Mizzi ezercitanti l-kummerc f'isem Mark Mizzi Woodworks**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' sittin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm60.77) dovuti mill-konvenut rapprezentanti merkanzija mibjugha lill-istess konvenut minghand is-socjeta` attrici;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Dicembru, 1999, u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-fattura kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Joe Fenech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (B) ta' l-Att V ta' l-1995, jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sittin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm60.77) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-4 ta' Frar, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Dicembru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**